

Brussell, 25 ta' Novembru 2015
(OR. en)

14440/1/15
REV 1

EDUC 309
JEUN 111
SOC 689
EMPL 448
RECH 284
MI 743
COMPET 534

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 23 ta' Novembru 2015

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 13858/15 EDUC 292 JEUN 103 SOC 647 EMPL 425 RECH 267 MI 702
COMPET 498

Nru dok. Cion: 11554/15 EDUC 241 JEUN 63 SOC 494 EMPL 321 RECH 220 MI 531
COMPET 390

Suġġett: Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET2020)
Prijoritajiet ġodda għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u fit-taħriġ - Adozzjoni (23 ta' Novembru 2015)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness ir-Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020), adottat mill-Kunsill fit-3428 laqgħa tiegħu li saret fit-23 ta' Novembru 2015.

Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020)

Prijoritajiet ġodda għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ

1. Kuntest

L-Ewropa qiegħda taffaċċja għadd ta' kompiti urġenti: l-ixprunar tal-ħolqien tal-impjiegi u tal-irkupru ekonomiku; il-kisba tat-tkabbir sostenibbli; it-tnaqqis tad-diskrepanza fl-investiment; it-titjib tal-koeżjoni soċjali; il-koordinament ta' rispons għall-flussi migratorji; u l-għoti ta' prijorità lill-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u l-vjolenza. Fl-istess ħin, jeħtieġ li l-Ewropa tindirizza l-isfidi fuq perijodu ta' żmien fit-tul bħat-tixjiħ, l-adattament għall-era diġitali u l-kompetizzjoni f'ekonomija globali bbażata fuq l-għarfien.

Ir-rispons ta' politika tal-Ewropa skont il-Linji Gwida Poliċi tal-Kummissjoni Ewropea, "Bidu ġdid għall-Ewropa: L-Aġenda tiegħi għall-Impjiegi, it-Tkabbir, il-Ġustizzja u t-Tibdil Demokratiku"¹ jimmarka bidu ġdid. Hemm argumenti ekonomiċi sodi biex l-edukazzjoni u t-taħriġ, bħala settur li jiffavorixxi t-tkabbir, ikollu rwol kruċjali taħt din l-Aġenda l-ġdida. L-investiment fil-kapital uman hu wieħed li jrendi. L-edukazzjoni tajba u t-taħriġ tajjeb jgħinu fil-promozzjoni tat-tkabbir ekonomiku sostnut, kif ukoll l-iżvilupp sostenibbli: jagħtu spinta lir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż), lill-innovazzjoni, lill-produttività u lill-kompetittività. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-investiment meħtieġ fis-sistemi kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ sabiex itejbu l-effettività u l-effiċjenza tagħhom biex jgħollu l-livell tal-ħiliet u l-kompetenzi tal-forza tax-xogħol, u b'hekk ikunu jistgħu jantiċipaw u jissodisfaw aħjar il-ħtiġijiet li qed jinbidlu b'mod rapidu tas-swieq tax-xogħol dinamiċi f'ekonomija li qed issir dejjem aktar diġitali u fil-kuntest ta' tibdil teknoloġiku, ambjentali u demografiku. L-Istati Membri għandhom iżidu l-isforzi tagħhom biex itejbu l-aċċess ta' kulħadd għal tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità u jimplimentaw strateġiji għal tixjiħ attiv li jippermettu li l-ħajja tax-xogħol titwal.

¹ Ippreżentat mill-President tal-Kummissjoni Jean-Claude Juncker lill-Parlament Ewropew fi Strasburgu fil-15 ta' Lulju 2014.

L-episodji traġċi ta' estremiżmu vjolenti fil-bidu tal-2015 fakkruna b'mod ċar li s-soċjetajiet tagħna huma vulnerabbli. L-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom rwol importanti biex jiżguraw li l-valuri umani u ċiviċi li nikkondividu huma salvagwardati u mgħoddija lill-ġenerazzjonijiet futuri, sabiex jippromwovu l-libertà tal-ħsieb u tal-espressjoni, l-inklużjoni soċjali u r-rispett għall-oħrajn, kif ukoll biex jipprevjenu u jindirizzaw id-diskriminazzjoni fil-forom kollha tagħha, sabiex isaħħu t-tagħlim u l-aċċettazzjoni ta' dawn il-valuri fundamentali komuni u jqiegħdu l-pedamenti għal soċjetajiet aktar inklużivi permezz tal-edukazzjoni - li tibda minn età bikrija.² L-edukazzjoni u t-taħriġ jistgħu jgħinu biex jipprevjenu u jindirizzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali, jippromwovu r-rispett reċiproku u jibnu l-pedament għal soċjetà miftuħa u demokratika li hija msejsa fuqhom iċ-ċittadinanza attiva.

Fl-istess ħin, is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ jiffaċċjaw l-isfida li jiġi żgurat aċċess ugwali għal edukazzjoni ta' kwalità għolja, b'mod partikolari billi jilħqu lil dawk l-aktar żvantaġġati u bl-integrazzjoni ta' persuni b'esperjenzi differenti, inkluż bl-integrazzjoni adegwata ta' migranti li jkun għadhom kif waslu³, fl-ambjent tat-tagħlim, biex b'hekk titrawwem il-konverġenza soċjali 'l fuq.

F'dan l-isfond, l-edukazzjoni u t-taħriġ jagħtu kontribut sostanzjali lil diversi strateġiji u inizjattivi tal-UE, fosthom l-Istrateġija Ewropa 2020, il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, l-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ, l-inizjattiva tas-Suq Uniku Diġitali, l-Aġendi Ewropej dwar is-Sigurtà u l-Migrazzjoni u l-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, filwaqt li tiġi rrispettata b'mod sħiħ il-kompetenza tal-Istati Membri għas-sistemi tagħhom tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Il-kooperazzjoni taħt il-Qafas Strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020) tikkomplementa l-azzjoni nazzjonali u tappoġġa lill-Istati Membri permezz tal-iskambji bejn il-pari, it-tagħlim reċiproku, il-għbir ta' evidenza u ta' data, fl-implimentazzjoni ta' riformi sabiex ikomplu jtejbju r-riżultati tagħhom.

² Dikjarazzjoni dwar il-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni, Pariġi, 17 ta' Marzu 2015.

³ Dan li ġej għandu japplika fejn issir referenza f'dan it-test għall-migranti:
Dan huwa mingħajr ħsara għas-sitwazzjoni legali dwar l-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ għal kategoriji differenti ta' migranti, kif definit fil-liġi internazzjonali applikabbli, il-liġi tal-Unjoni Ewropea u l-liġi nazzjonali.

L-edukazzjoni u t-taħriġ jipprovdu lill-individwi bl-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi li permezz tagħhom ikunu jistgħu jikbru u jinflenzaw is-sitwazzjonijiet tagħhom, permezz tat-twessigħ tal-perspettivi tagħhom, billi n-nies jitħejjew b'mod tajjeb għall-ħajja futura tagħhom, permezz tal-istabbiliment tal-pedamenti għal ċittadinanza attiva u valuri demokratiċi, u permezz tal-promozzjoni tal-inklużjoni, l-ekwità u l-ugwaljanza.

Il-Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ tal-Kummissjoni tal-2015 juri li għad baqa' sfidi serji:

- Madwar l-UE, 22% ta' dawk li għandhom 15-il sena ma jilhqax l-aspettattivi fil-matematika. Fost l-istudenti bi status soċjoekonomiku baxx, dan huwa 36.6%, li huwa inkwetanti. Barra minn hekk, 18% ta' dawk li għandhom 15-il sena fl-UE jiksbu riżultati baxxi fil-qari u 17% ma jilhqax l-aspettattivi fix-xjenza. L-insuffiċjenza f' dawn l-oqsma ta' studju hija madwar 60% aktar prevalenti fost is-subien milli fost il-bniet;⁴
- Persuna adulta minn kull erba' fl-Ewropa tinqabad f'nassa ta' ftit kwalifiki - nassa li tillimita l-aċċess għas-suq tax-xogħol filwaqt li fl-istess ħin tagħlaq it-toroq għal aktar edukazzjoni jew taħriġ. 4.4% biss mis-66 miljun adult li l-aktar li kisbu hija edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell jipparteċipaw fit-tagħlim għall-adulti;⁵
- It-tluq bikri mill-iskola⁶ issa jammonta għal 11.1%. Filwaqt li sar progress tajjeb lejn il-mira ewlenija komuni tal-Ewropa 2020, għad hemm aktar minn 4.4 miljun student li waqaf mill-iskola qabel iż-żmien madwar l-Ewropa, u madwar 60% minnhom jinsabu jew inattivi jew qiegħda, li jfisser riskji oġġla ta' esklużjoni soċjali u inqas impenn ċiviku;
- Il-ksib tal-edukazzjoni għolja⁷ qed ikompli jitjieb u issa laħaq is-37.9%. Għal darb'oħra, sar progress tajjeb lejn il-mira ewlenija komuni ta' Ewropa 2020, iżda l-impjegabbiltà tal-gradwati tibqa' staġnata madwar l-UE.

⁴ Ir-riżultati PISA tal-OECD għall-2012: Eċċellenza permezz tal-ekwità.

⁵ L-Istħarriġ dwar il-ħiliet tal-Adulti: Implikazzjonijiet għall-politika dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Ewropa, il-Kummissjoni Ewropea (2013).

⁶ Il-parti tal-popolazzjoni ta' bejn it-18 u l-24 sena li għandhom biss edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell jew inqas u li ma għadhomx jirċievu edukazzjoni jew taħriġ.

⁷ Il-perċentwal ta' dawk bejn it-30 u l-34 sena li lestew b'suċċess il-livell ta' edukazzjoni terzjarja (Eurostat).

Ir-rendikont komprensiv ta' nofs il-mandat tal-qafas strateġiku ET 2020 li twettaq fl-2014, li jinvolvi l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati ewlenin u li jipprovdi l-bażi għal dan ir-Rapport, wassal għal tliet konklużjonijiet prinċipali ta' politika:

- Ġie kkonfermat il-valur ta' qafas integrat li jkopri l-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livelli kollha. Il-ħtieġa attwali għal flessibbiltà u permeabbiltà bejn l-esperjenzi ta' taħlim teħtieġ koerenza fil-politika mill-edukazzjoni fit-tfulija bikrija u l-iskejjel sal-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u t-taħlim għall-adulti, u dan isostni l-prinċipju ta' taħlim tul il-ħajja.
- L-erba' għanijiet strateġiċi tal-ET 2020 (u l-punti attwali ta' referenza tal-UE) jibqgħu validi peress li kienu mfassla b'mod komprensiv u li jħares 'il quddiem fl-ET 2020, fil-konklużjonijiet tal-2009 tal-Kunsill, u jipprovdu pedament sod għal attivitajiet tal-ET 2020 sal-2020. Madankollu, jeħtieġ li l-enfasi tal-politika tiġi kkalibrata mill-ġdid sabiex tinkludi kemm l-isfidi urġenti ta' natura ekonomika u tal-impjiegi, kif ukoll ir-rwol tal-edukazzjoni fil-promozzjoni tal-ġustizzja u l-inklużjoni u fit-tixrid tal-valuri komuni Ewropej, tal-kompetenzi interkulturali u taċ-ċittadinanza attiva.
- L-ET 2020 huwa kontributor importanti għall-aġenda ġenerali tal-UE għall-impjiegi, għat-
tkabbir u għall-investiment, inkluż is-Semestru Ewropew. F'dan ir-rigward, jistgħu jissaħħu kemm l-informazzjoni miġbura u t-taħlim reċiproku b'rabta mal-isfidi tar-riformi, kif ukoll ir-rilevanza tal-qafas b'mod speċifiku għall-pajjiżi, fejn xieraq.

Fid-dawl tal-isfidi u tal-konklużjonijiet ta' politika msemmija hawn fuq, u sabiex l-ET 2020 jiġi allinjat aħjar mal-prijoritajiet politiċi u mal-mandat politiku tal-UE, dan ir-Rapport Konġunt jipproponi li jiggwida l-kooperazzjoni Ewropea skont dan il-qafas sal-2020, u b'hekk iċ-ċiklu ta' ħidma tiegħu jiżdied minn tliet snin għal ħames snin.

2. Sfidi ewlenin li jiddeterminaw l-għażla tal-prijoritajiet tal-ġejjieni

Abbażi ta' analiżi tas-sitwazzjoni, u filwaqt li jiġu rikonoxxuti d-differenzi bejn l-Istati Membri, dan il-kapitlu jippreżenta l-iżviluppi u l-isfidi ewlenin fl-edukazzjoni u fit-taħriġ Ewropej li wasslu għall-identifikazzjoni ta' *oqsma prijoritarji* ġodda u ta' *kwistjonijiet konkreti* għal ħidma ulterjuri sal-2020.

L-*oqsma prijoritarji* ġodda huma:

- Għarfien, ħiliet u kompetenzi rilevanti u ta' kwalità għolja, żviluppanti matul it-tagħlim tul il-ħajja, b'enfasi fuq ir-riżultati tat-tagħlim għall-impjegabbiltà, l-innovazzjoni, iċ-ċittadinanza attiva u l-benesseri;
- Edukazzjoni inklużiva, ugwaljanza, ekwità, nondiskriminazzjoni u l-promozzjoni tal-kompetenzi ċiviċi;
- Edukazzjoni u taħriġ miftuħa u innovattivi, inkluż permezz tat-tħaddin sħiħ tal-era diġitali;
- Appoġġ qawwi għall-għalliema, min iħarreġ, mexxejja ta' skejjel u persunal edukattiv ieħor;
- Trasparenza u rikonoxximent tal-ħiliet u tal-kwalifiki biex jiġu ffaċilitati l-mobbiltà għat-tagħlim u l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol;
- Investiment sostenibbli, kwalità u effiċjenza tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ.

Dawn l-oqsma prijoritarji, u l-kwistjonijiet konkreti marbuta magħhom, huma indikati fl-Anness għal dan id-dokument.

2.1. Il-kwalità u r-rilevanza tar-riżultati tat-tagħlim huma fatturi ewlenin għall-iżvilupp ta' ħiliet u kompetenzi

Il-livelli baxxi ta' għarfien bażiku u ħiliet fl-Ewropa jxekklu l-progress ekonomiku u jillimitaw bil-kbir lill-individwi fit-twettiq tal-milja professjonali, soċjali u personali tagħhom. Sabiex l-impjegabbiltà, l-innovazzjoni u ċ-ċittadinanza attiva jitjiebu, u b'konsolidazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-2006 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja, jeħtieġ li l-kompetenzi bażiċi jimxu id f'id ma' kompetenzi u attitudnijiet oħra ewlenin: il-kreattività, l-impreditorija u sens ta' inizzjattiva, il-ħiliet diġitali⁸, il-kompetenza fil-lingwi barranin, il-ħsieb kritiku inkluż permezz tal-litteriżmu elettroniku u medjatiku, u l-ħiliet li jirriflettu l-ħtiġijiet li qed jiżdiedu maż-żmien, bħal dawk fl-ekonomija ekoloġika u fis-settur diġitali u dak tas-saħħa.

Il-kwalità tar-riżultati tat-tagħlim għandha tiġi stimolata f'perspettiva li tikkunsidra ċ-ċiklu kollu tal-ħajja. Filwaqt li l-maġġoranza tal-Istati Membri stabbilixxew strateġiji komprensivi ta' tagħlim tul il-ħajja, il-pajjiżi kollha għandhom jiżviluppaw tali strateġiji u għandhom jiżguraw l-permeabbiltà bejn diversi forum u livelli ta' tagħlim u mill-edukazzjoni u mit-taħriġ għax-xogħol. Dan jeħtieġ sforzi kontinwi ta' koordinazzjoni u sħubija bejn is-setturi differenti tat-tagħlim u bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u l-partijiet ikkonċernati rilevanti.

L-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC) hija l-punt tat-tluq u waħda mill-iktar mezzi effiċjenti biex tiżdied il-ħila fil-kompetenzi ewlenin, iżda qed tiffaċċa sfida doppja biex twessa' l-aċċess u ttejjeb il-kwalità. Il-forniment ta' servizzi għat-tfal taħt it-tliet snin huwa partikolarment problematiku f'xi pajjiżi. Kif issuġġerit fil-Qafas ta' Kwalità tal-ECEC li ġie żviluppata mill-esperti tal-Istati Membri matul iċ-ċiklu ta' ħidma preċedenti, il-kwistjonijiet ewlenin għal iktar ħidma jistgħu jinkludu t-titjib tal-aċċess, l-enfasi fuq il-persuni żvantaġġati, il-professjonalizzazzjoni tal-persunal u sistemi effiċjenti ta' governanza, kurrikuli, finanzjament u monitoraġġ.

⁸ It-tagħlim u l-kisba ta' kompetenzi diġitali mhumiex limitati għal sempliċi ħiliet tal-ICT u jinvolvu l-użu sikur, kollaborattiv u kreattiv tal-ICT, inkluż fir-rigward tal-ikkowdjar.

Il-miżuri li għandhom l-għan li jnaqqsu t-tluq bikri mill-iskola ġew introdotti mill-Istati Membri kollha, iżda mhux dejjem jikkostitwixxu strateġiji komprensivi, kif meħtieġ skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2011⁹, jew politiki ekwivalenti bbażati fuq l-evidenza. Rispons ta' suċċess jeħtieġ impenn fit-tul u kooperazzjoni transettorjali, b'enfasi fuq l-aħjar kombinazzjoni ta' prevenzjoni, intervent bikri u miżuri ta' kumpens. Il-politiki kontra t-tluq bikri mill-iskola b'enfasi fuq l-iskejjel għandhom jinkludu approċċi kollaborattivi, l-involviment attiv tal-ġenituri, is-sħubiji ma' partijiet ikkonċernati esterni u l-komunità, miżuri li jappoġġjaw il-benesseri tal-istudenti u ggwidar u konsulenza ta' kwalità għolja, filwaqt li jiżguraw li kull student ikollu opportunità indaqs għall-aċċess għall-edukazzjoni ta' kwalità għolja, il-parteċipazzjoni fiha u l-benefiċċju tagħha u li l-istudenti kollha jkunu jistgħu jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom.

Is-sistemi tal-edukazzjoni għolja għandhom jagħtu spinta lill-ekonomija bbażata fuq l-għarfien u jwieġbu għall-ħtiġijiet tas-soċjetà. Jeħtieġ li l-edukazzjoni għolja twieġeb b' mod effettiv għad-domanda ta' soċjetà u ta' suq tax-xogħol li għaddejnin minn tibdil, biex ittejjeb il-ħiliet u l-kapital uman tal-Ewropa, u ssaħħaħ il-kontribut tagħha għat-tkabbir ekonomiku. Sabiex jinkiseb dan, għandu jiġi żgurat li l-modernizzazzjoni tiffoka fuq is-sinerġiji bejn l-edukazzjoni, ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-impjiegi, filwaqt li toħloq rabtiet bejn l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u l-ambjent u r-reġjuni lokali, li timplimenta approċċi innovattivi għat-titjib tar-rilevanza tal-kurrikuli, inkluż bl-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), it-titjib tat-transizzjonijiet għall-impjieg u t-tiżiħ tal-kollaborazzjoni internazzjonali. Filwaqt li t-tnaqqis tar-rati tat-tluq bikri mill-iskola u ż-żieda fir-rati ta' dawk li jiggradwaw għadhom jipprovdu sfida għal ħafna Stati Membri, speċjalment fost il-gruppi żvantaġġati, il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-forom kollha ta' edukazzjoni għolja jipprovdu lill-istudenti l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi ta' livell għoli rilevanti li jħejjuhom għall-karrieri tagħhom fil-ġejjieni hija prijorità. L-edukazzjoni għolja għandha tgħin ukoll biex l-istudenti jitħejjew għal ċittadinanza attiva bbażata fuq attitudni miftuħa u fuq ħsieb kritiku, kif ukoll tappoġġa l-iżvilupp personali, filwaqt li jkollha rwol sħiħ tagħha fit-trasmissjoni u l-produzzjoni tal-għarfien.

⁹ Ir-Renju Unit vvota kontra din ir-Rakkomandazzjoni.

L-educazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għandhom rwol ewlieni fl-iżvilupp tal-ħiliet rilevanti. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, jidher li hemm rati tajbin ta' impjeg fost il-gradwati mill-educazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Dan huwa wkoll grazzi għal miżuri mmirati lejn it-titjib tal-prestazzjoni, il-kwalità u l-attrazzjoni tal-educazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, li ġew meħuda fil-perijodu 2011-2014 sabiex jiġu implimentati r-riżultati definiti fil-Communiqué ta' Bruges tal-2010, taħt il-proċess ta' Copenhagen. Għandhom isegwu riformi ulterjuri, fuq l-istess binarji tar-riżultati fuq perijodu medju mfissra fil-konklużjonijiet ta' Riga tat-22 ta' Ġunju 2015 (ara l-Anness). Għandha ssir promozzjoni tal-iżvilupp tal-ħiliet rilevanti permezz ta' promozzjoni ulterjuri tal-forom kollha ta' taħlim ibbażat fuq ix-xogħol, bħal traineeships, apprendistati u skemi doppji għall-educazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, permezz ta' tisħiħ tal-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati, ta' żvilupp ulterjuri tas-sħubiji mal-partijiet ikkonċernati kollha fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali u t-tisħiħ tal-antiċipazzjoni tal-ħiliet meħtieġa. Fl-istess ħin, l-iżvilupp professjonali inizjali u kontinwu tal-għalliema, ta' dawk li jħarrġu u l-mentors tal-ETV għandhom jissaħħu, inkluż permezz ta' kollokamenti fin-negozju u l-industrija sabiex iżommu ruħhom aġġornati mal-iżviluppi f' dan il-qasam.

It-tagħlim għall-adulti bħala l-bażi għal titjib tal-ħiliet, taħriġ mill-ġdid, ċittadinanza attiva u koeżjoni soċjali. Stħarriġ reċenti¹⁰ li juri l-livelli baxxi ta' ħiliet bażiċi fost l-adulti, flimkien mal-impatt tal-globalizzazzjoni fuq il-ħiliet meħtieġa u r-rati għolja ta' qgħad, jorog il-ħtieġa li tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea Mġedda għat-tagħlim għall-adulti. Il-prijoritajiet għandhom jinkludu governanza iktar effettiva, żidiet sinifikanti fl-għoti u fl-użu tat-tagħlim, provvista iktar flessibbli, aċċess usa', monitoraġġ iktar mill-qrib u assigurazzjoni aħjar tal-kwalità (ara l-Anness). It-tagħlim għall-adulti jipprovi lill-migranti li waslu reċentement u lill-persuni li għandhom passat ta' migrazzjoni b'opportunità għal educazzjoni ulterjuri jew taħriġ mill-ġdid u iktar opportunitajiet għal dawn l-individwi biex jistabbilixxu ruħhom fis-suq tax-xogħol u jintegraw fis-soċjetà.

¹⁰ Ara b' mod partikolari l-istharrġ tal-OECD dwar il-ħiliet tal-adulti, imwettqa taħt il-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Kompetenzi tal-Adulti (PIAAC).

2.2. L-edukazzjoni u t-taħriġ huma essenzjali għall-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali, l-ugwaljanza, in-nondiskriminazzjoni u l-kompetenzi ċiviċi

L-inugwaljanza tinsab fl-oġġla livell f' dawn l-aħħar 30 sena fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi Ewropej u tal-OECD u għandha impatt negattiv fuq ir-riżultati tal-edukazzjoni, billi s-sistemi tal-edukazzjoni għandhom tendenza jergħu jipproduċu x-xejriet eżistenti tal-istatus soċjoekonomiku. Għalhekk, għandha tkun prijorità li jitkisser iċ-ċiklu interġenerazzjonali ta' kwalifiki baxxi. Maġġoranza ta' Stati Membri ħadu miżuri biex itejbu l-aċċess għall-edukazzjoni għall-istudenti żvantaġġati.

Madankollu, għad hemm distakk sinifikanti fl-edukazzjoni u l-aċċess għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità tajba, sa mill-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, għadu jippreżenta sfida f' diversi partijiet tal-UE. Jinħtieġ azzjoni effettiva biex tindirizza d-diversità fil-forom kollha tagħha u biex tipprovdi edukazzjoni inklużiva u taħriġ inklużiv għall-istudenti kollha, b' enfasi fuq gruppi żvantaġġati bħall-istudenti bi bżonnijiet speċjali, il-migranti li waslu reċentement, il-persuni li ġejjin minn ambjent ta' migrazzjoni u r-Rom. Il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ għandha tiġi mmobilizzata b'mod sħiħ (jiġifieri tqegħid fis-suq tax-xogħol, apprendistati u edukazzjoni u taħriġ li jipprovdu opportunità oħra).

Id-differenzi bejn is-sessi fl-edukazzjoni u t-taħriġ, li huma bbażati wkoll fuq il-kontinwazzjoni ta' stereotipi tas-sessi, għandhom jiġu indirizzati u d-differenzi bejn is-sessi fl-għażliet edukattivi għandhom jiġu indirizzati. Il-bullying, il-fastidju u l-vjolenza fl-ambjent tat-tagħlim, fosthom dawk kontra sess partikolari, ma jistgħux jiġu ttollerati. Sabiex min ikun qiegħed jitgħallem jesperjenza l-inklużjoni, l-ugwaljanza, l-ekwità, in-nondiskriminazzjoni u ċ-ċittadinanza demokratika fl-ambjenti tat-tagħlim tiegħu, l-istituzzjonijiet tat-tagħlim u l-għalliema, min iħarreġ, il-mexxejja tal-iskola u persunal ieħor involut fl-edukazzjoni jridu jiġu mħejjija u jingħataw appoġġ. Ambjenti ta' tagħlim miftuħ, bħal libreriji pubbliċi, ċentri miftuħa ta' edukazzjoni għall-adulti u universitajiet miftuħa, għandhom jingħataw ir-riżorsi bħala mezz għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali.

Id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tal-Ministri għall-Edukazzjoni tas-17 ta' Marzu 2015 għamlet appell għal azzjoni fil-livelli kollha biex jissaħħa ir-rwol tal-edukazzjoni fil-promozzjoni taċ-ċittadinanza u tal-valuri komuni ta' libertà, tolleranza u nondiskriminazzjoni, fit-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali, u fil-forniment ta' għajnuna liż-żgħażaġh biex isiru membri responsabbli, b'moħħ miftuħ u attivi fis-soċjetà inklużiva u diversa tagħna¹¹. L-edukazzjoni hija importanti sabiex jiġu evitati u indirizzati l-emarġinazzjoni u r-radikalizzazzjoni. Is-segwitu għad-Dikjarazzjoni huwa prijorità ewlenija għaċ-ċiklu ta' ħidma l-ġdid. Dan ser jieħu l-forma ta' analiżi konġunta, taġħlim bejn il-pari, laqgħat, tixrid ta' Prattiki tajbin u miżuri konkreti bbażati fuq finanzjament mill-programm Erasmus+, f'konformità mal-erba' oqsma identifikati fid-Dikjarazzjoni li huma: (i) l-iżgurar li t-tfal u ż-żgħażaġh jiksbu kompetenzi soċjali, ċiviċi u interkulturali permezz tal-promozzjoni tal-valuri demokratiċi u d-drittijiet fundamentali, l-inklużjoni soċjali u n-nondiskriminazzjoni kif ukoll iċ-ċittadinanza attiva (ii) it-titjib tal-ħsieb kritiku u tal-litteriżmu medjatiku; (iii) it-trawwim tal-edukazzjoni fost it-tfal u ż-żgħażaġh żvantaġġati; u (iv) il-promozzjoni tad-djalogu interkulturali permezz tal-forom kollha ta' taġħlim f'kooperazzjoni ma' politiki u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra.

L-importanza tal-oqsma ta' azzjoni msemmija hawn fuq hija msaħħa mill-influss attwali ta' migranti lejn l-Ewropa. Id-dħul ta' persuni bi sfond differenti qed joħloq sfida għas-settur tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-partijiet ikkonċernati tiegħu madwar l-Ewropa kollha. Għal dawk il-migranti li jibqgħu fil-pajjiżi tagħna, l-integrazzjoni taġħhom fl-edukazzjoni u t-taħriġ hija pass kruċjali lejn l-inklużjoni soċjali, l-impjegabbiltà, l-issodisfar professjonali u personali, u ċ-ċittadinanza attiva taġħhom. F'dan il-kuntest, il-faċilitazzjoni tal-kisba effettiva tal-lingwa(i) tal-pajjiż ospitanti hija l-ewwel prijorità. Barra minn hekk, l-integrazzjoni b'suċċess ta' migranti tiddependi wkoll mill-iżvilupp tal-ħiliet interkulturali fost l-għalliema, min iħarreġ, il-mexxejja tal-iskola, membri oħra tal-persunal involut fl-edukazzjoni, l-istudenti u l-ġenituri sabiex ikun żgurat li kulħadd ikun ippreparat għad-diversità multikulturali fl-ambjent tat-taġħlim. Id-dimensjoni Ewropea tal-migrazzjoni tissottolinja r-rilevanza tal-appoġġ sħiħ lill-Istati Membri fl-azzjonijiet taġħhom ta' integrazzjoni, pereżempju permezz tal-inklużjoni ta' analiżi konġunta, taġħlim bejn il-pari, konferenzi u l-kondiviżjoni tal-prattiki tajba.

¹¹ L-edukazzjoni mhux formali hija importanti biex tippromovi l-parteciċipazzjoni soċjali u demokratika taż-żgħażaġh, li hija prijorità skont il-qafas ta' kooperazzjoni tal-UE fil-qasam taż-żgħażaġh (Rapport tal-UE tal-2015 dwar iż-Żgħażaġħ).

2.3. Taġġim rilevanti u ta' kwalità għolja jeħtieġ...

Użu iktar attiv ta' pedagoġiji innovattivi u għodod għall-iżvilupp ta' kompetenzi diġitali: L-edukazzjoni u t-taħriġ - fil-livelli kollha - jistgħu jibbenefikaw mill-introduzzjoni ta' materjal didattiku u prattiki pedagoġiċi innovattivi ttestjati sew li jkunu wrew il-kapaċità taġġhom li jikkontribwixxu b'mod konkret għal taġġim inklużiv għal studenti differenti li permezz tiegħu jħossuhom involuti. Diversi Stati Membri rrapportaw li saru inizjattivi biex iżidu l-kompetenzi diġitali tal-għalliema u ta' dawk li jkunu qegħdin jitgħallmu u terz minnhom introduċew strateġiji nazzjonali għad-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni. Madankollu, għad fadal sfidi enormi. Is-soċjetajiet qed isiru dejjem aktar diġitali, u b'hekk qed tiżdied id-domanda għall-kompetenzi diġitali. Jeħtieġ li l-edukazzjoni u t-taħriġ jindirizzaw din il-ħtieġa, li teħtieġ investiment fl-infrastruttura, bidla organizzattiva, apparati diġitali u kompetenzi diġitali għall-għalliema, min iħarreġ, il-mexxejja tal-iskejjel u membri oħra tal-persunal involuti fl-edukazzjoni, kif ukoll il-ħolqien ta' riżorsi edukattivi diġitali (u miftuħa) u ta' software edukattiv ta' kwalità għolja. L-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom igawdu mill-benefiċċji tal-iżviluppi l-ġodda tal-ICT u għandhom jadottaw pedagoġiji innovattivi u attivi, ibbażati fuq metodi parteċipatorji u bbażati fuq proġetti. Ambjenti ta' taġġim miftuħ - bħalma huma l-libreriji pubbliċi, iċ-ċentri miftuħa ta' edukazzjoni għall-adulti u l-universitajiet miftuħa - jistgħu jgħinu l-kollaborazzjoni bejn is-setturi edukattivi, inkluż għal studenti żvantaġġati.

Appoġġ qawwi għall-għalliema, min iħarreġ, il-mexxejja tal-iskejjel u membri oħra tal-persunal involuti fl-edukazzjoni, li għandhom rwol ewlieni fl-iżgurar tas-suċċess tal-istudenti u fl-implimentazzjoni tal-politika edukattiva: Bosta Stati Membri jirrapportaw miżuri biex jitjieb it-taħriġ għall-għalliema u jiżguraw fuq il-fatt li l-edukazzjoni inizjali u l-iżvilupp professjonali kontinwu tal-għalliema u ta' min iħarreġ għandhom ikunu xierqa għar-rwol li jridu jaqdu, u jlaqqgħu flimkien is-suġġett, il-pedagoġija u l-prattika. It-tgħammir tal-persunal rilevanti fil-livelli kollha u fis-setturi kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ b'ħiliet u kompetenzi pedagoġiċi b'saħħithom, abbażi ta' riċerka u Prattika soda, jibqa' prijorità. Huma għandhom ikunu mħarrġa biex jitrattaw il-ħtiġijiet individwali tal-istudenti u d-diversità dejjem akbar marbuta mal-isfondi soċjali, kulturali, ekonomiċi u ġeografiċi, sabiex jiġi evitat it-tluq bikri mill-iskola u sabiex jintużaw pedagoġiji u għodod tal-ICT innovattivi bl-aħjar mod possibbli, filwaqt li jkollhom appoġġ introdutturju fil-bidu tal-karriera tagħhom.

F'ħafna pajjiżi, kulma jmur, in-nuqqas ta' persunal qiegħed ifixkel it-tagħlim ta' kwalità, filwaqt li l-interess fil-karriera ta' għalliema qiegħed jonqos dejjem aktar. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżiedu l-attrazzjoni u l-istatus tal-professjoni tat-tagħlim.¹² Jinħtieġu politiki komprensivi fit-tul sabiex ikun żgurat li jintgħażlu l-iżjed kandidati adattati, li ġejjin minn ambjenti u għandhom esperjenzi differenti, u li l-għalliema jkollhom opportunitajiet attraenti għall-iżvilupp tal-karriera, ukoll bil-ħsieb li jagħmlu tajjeb għall-iżbilanċ eżistenti qawwi bejn is-sessi.

¹² Ara l-istudju tal-Kummissjoni Ewropea dwar Miżuri ta' Politika biex Titjieb l-Attrazzjoni tal-Professjoni tal-Tagħlim fl-Ewropa (2013).

L-iffaċilitar tal-mobbiltà fit-tagħlim fil-livelli kollha: L-ewwel Tabella ta' Valutazzjoni dwar il-Mobbiltà (2014), prodotta bħala segwitu għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2011 dwar il-mobbiltà għal finijiet ta' tagħlim, turi li l-ambjent għall-mobbiltà għal finijiet ta' tagħlim ivarja ferm bejn l-Istati Membri, u li għad baqa' ostakli sinifikanti għall-informazzjoni, l-appoġġ lill-istudenti u r-rikonoxximent tagħhom. Jeħtieġ li l-azzjonijiet dwar it-trasparenza, l-assigurazzjoni tal-kwalità u l-validazzjoni u r-rikonoxximent tal-ħiliet u tal-kwalifiki jiġu traċċati u segwiti. Hemm bżonn ta' data aħjar għall-monitoraġġ tal-evidenza dwar il-mobbiltà.

L-appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni fl-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali ser jibqa' prijorità. Dan jista' jinkludi l-kooperazzjoni politika ma' reġjuni oħra tad-dinja dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità u l-promozzjoni tar-riżultati tat-tagħlim, l-iżvilupp ta' sħubiji strateġiċi u korsijiet konġunti, u l-promozzjoni tal-mobbiltà tal-istudenti, il-persunal u r-riċerkaturi, kif ukoll ħidma li tiffaċilita l-użu ta' kwalifiki miksuba barra mill-UE.

Għodod imsaħħa u ssimplifikati tal-UE tat-trasparenza u r-rikonoxximent, u sinerġija akbar bejniethom: L-għodod tat-trasparenza u r-rikonoxximent huma essenzjali għall-mobbiltà, il-kapaċità għall-impjieg u t-tagħlim tul il-ħajja. Uħud minnhom, bħall-Europass, jintużaw ħafna. Biex jiżguraw trasparenza akbar, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri żviluppaw Oqfsa ta' Kwalifiki Nazzjonali (NQF) u qabbluhom mal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK). Diversi Stati Membri implimentaw is-Sistema Ewropea ta' Kredits għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ECVET), l-Assigurazzjoni Ewropea tal-Kwalità għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (EQAVET) u l-Qafas tal-Kwalifiki taż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (QF-EHEA).

Ħidma ulterjuri għandha tippromwovi l-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali, kif ukoll tiffaċilita t-trasparenza u l-komparabbiltà tal-kwalifiki madwar l-Ewropa. Fir-rigward ta' migranti li jkunu għadhom kif waslu, l-istrumenti eżistenti ta' trasparenza jistgħu wkoll jgħinu biex kwalifiki barranin jiġu mifhuma aħjar fl-UE, u viċi versa. Ir-rikonoxximent u l-validazzjoni adegwati jistgħu jservu ta' appoġġ għall-bidu tal-użu ta' prattiki ta' tagħlim miftuħa u innovattivi, inklużi dawk li jużaw it-teknoloġija diġitali.

Ħidma ulterjuri għandha tiffoka wkoll fuq l-implimentazzjoni aktar effikaċi tal-QEK u tan-NQFs u fuq l-iżvilupp ulterjuri tal-QEK biex tiżdied it-trasparenza u l-komparabbiltà tal-kwalifiki. L-użu tal-QEK u tan-NQF jistgħu jappoġġaw prattiki eżistenti ta' rikonoxximent u b'hekk jiffaċilitaw il-proċess ta' rikonoxximent.

Wara valutazzjoni preliminari tal-impatt, għandha tingħata attenzjoni partikolari wkoll biex l-istrumenti eżistenti tal-UE bħal għodda, portali u servizzi oħra dwar il-ħiliet u l-kwalifiki li huma diretti lejn il-pubbliku inġenerali jiġu simplifikati u razzjonalizzati bil-ħsieb li tissaħħaħ il-komunikazzjoni.

Tnaqqis tad-diskrepanza fl-investment: L-investment effettiv fl-edukazzjoni u fit-taħriġ ta' kwalità huwa sors ta' tkabbir sostenibbli. Madankollu mill-kriżi 'l hawn, il-baġits pubbliċi baqgħu ristretti u diversi Stati Membri, f'termini reali, naqqsu n-nefqa tagħhom għall-edukazzjoni u għat-taħriġ. Dan jagħti x'tifhem li jeħtieġ li l-Istati Membri jiġu appoġġati biex ifasslu riformi li jsarrfu f'edukazzjoni u f'taħriġ ta' kwalità li jkunu iktar effiċjenti, fi ħdan kuntest soċjetali wiesa'. Il-Pjan ta' Investment għall-Ewropa, Erasmus+, il-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej, inklużi l-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ, u Orizzont 2020 jistgħu jgħinu biex jiġu xprunati l-investimenti u biex jiġu appoġġati l-prijoritajiet tal-politika ta' ET 2020, filwaqt li jiġu żgurati rabtiet sodi mal-politiki.

3. Governanza u metodi ta' ħidma

Mir-Rapport Konġunt tal-2012 il-governanza tal-ET 2020 tjiebet, b'mod partikolari bit-tisħiħ tal-mod kif tinġabar l-evidenza (il-Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ) u tal-karatteristika operattiva tal-Gruppi ta' Ħidma, u bl-iżvilupp ta' pjattaformi regolari għal skambji bejn il-partijiet interessati ewlenin, fosthom il-Forum dwar l-Edukazzjoni, it-Taħriġ u ż-Żgħażaġħ. Ir-rendikont jindika li hemm kunsens dwar l-approċċ li ġej għaċ-ċiklu ta' ħidma li jmiss:

- ***Evidenza analitika u monitoraġġ tal-progress qawwijin*** huma essenzjali għall-effikaċja tal-qafas tal-ET 2020, u ser jitwettqu f'kooperazzjoni mal-EUROSTAT, in-netwerk Eurydice, is-Cedefop, l-OECD u ma' organizzazzjonijiet oħra.
 - Is-simplifikazzjoni u ***r-razzjonalizzazzjoni tar-rappurtar*** fi ħdan il-qafas tal-ET 2020 jibqgħu prijorità u ser jiġu meħjuna bl-estensjoni taċ-ċiklu ta' ħidma għal 5 snin. Ser isir l-aħjar użu mill-fatti u ċ-ċifri analitiċi u aġġornati pprovduti, pereżempju, permezz tan-netwerk Eurydice u s-Cedefop (ReferNet). Barra minn hekk, fil-kapitoli speċifiċi għall-pajjiż tal-Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ, id-data nazzjonali aġġornata ser tiġi meqjusa wkoll, jekk tkun metodoloġikament soda.
- Rabtiet aktar b'saħħithom bejn l-edukazzjoni, in-negozju u r-riċerka, kif ukoll l-involviment tal-imsieħba soċjali u tas-soċjetà ċivili***, ser isaħħu l-impatt tal-ET 2020 u r-rilevanza tas-sistemi ta' taġħlim biex iżidu l-kapaċità innovattiva tal-Ewropa. L-Alleanzi tal-Għarfien u l-Alleanzi tal-Ħiliet Settorjali fil-programm Erasmus+, l-azzjonijiet tal-programm Marie Skłodowska-Curie u l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija fil-programm qafas Orizzont 2020 qed iwittu t-triq f'dan ir-rigward. L-involviment tal-partijiet interessati ser jingħata spinta wkoll permezz tal-Forum dwar l-Edukazzjoni, it-Taħriġ u ż-Żgħażaġħ, tal-Forum Ewropew bejn l-Universitajiet u l-Impriżi, tal-Forum bejn l-ETV u l-Impriżi, u tal-Fora Tematiċi fl-Istati Membri. Il-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili Ewropea u mal-imsieħba soċjali Ewropej ser tissokta sabiex l-esperjenza u l-kapaċità ta' komunikazzjoni tagħhom ikunu jistgħu jintużaw bl-aħjar mod.

L-għodod tal-ET 2020 taw xhieda tal-valur tagħhom, iżda mhux dejjem kellhom impatt effettiv fil-livell nazzjonali, b'mod partikolari minħabba nuqqas ta' sinkronizzazzjoni tal-attivitajiet, nuqqasijiet fit-tixrid u livell baxx ta' sensibilizzazzjoni nazzjonali dwar il-ħtieġa ta' riżultati. Is-sett ta' għodod tal-ET 2020 ser jissaħħaħ:

- Sabiex it-trasparenza u l-koerenza tal-attivitajiet tal-ET 2020 jitjiebu, il-Kummissjoni - f'kooperazzjoni mal-Istati Membri (inkluż it-Triju ta' Presidenzi tal-Kunsill) -ser tħejji ***Pjan ta' Ħidma kontinwu u indikattiv tal-ET 2020***, li jintegra u jipprovdi idea ġenerali ċara tal-attivitajiet ewlenin u l-avvenimenti ta' tagħlim bejn il-pari ppjanati għal-laqgħat informali ta' uffiċjali għolja, jiġifieri matul il-laqgħat tad-Diretturi Ġenerali għall-iskejjel, għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u għall-edukazzjoni għolja ("laqgħat tad-DĠ") u l-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ, il-Gruppi ta' Ħidma tal-ET 2020, il-Grupp ta' Konsulenza tal-QEF u l-Grupp Permanenti fuq l-Indikaturi u l-Punti ta' Referenza.
- Mill-2016 'il quddiem, ġenerazzjoni ġdida ta' ***Gruppi ta' Ħidma***¹³ ser taħdem fuq il-***kwistjonijiet konkreti tal-ET 2020*** elenkati fl-Anness. Il-mandati ta' dawn il-Gruppi ta' Ħidma ser jiġu proposti mill-Kummissjoni u aġġustati skont il-kummenti espressi mill-Istati Membri, b'mod partikolari permezz tal-Kumitat tal-Edukazzjoni. Il-Gruppi ser jirrappurtaw regolarment lill-gruppi informali rilevanti ta' uffiċjali għoljin (jiġifieri l-laqgħat tad-DĠ u l-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ) li jipprovdu tmexxija, u lill-Kumitat tal-Edukazzjoni li jwassal ir-riżultati rilevanti għall-attenzjoni tal-Kunsill. Ser ikunu mħeġġa metodi ta' ħidma innovattivi u ser isir tixrid aħjar tar-riżultati li joħorġu mill-Gruppi sabiex l-għarfien ikun jista' jitqassam aħjar, kif ukoll biex tkun iffaċilitata l-ħidma ta' wara.

¹³ Dawn il-gruppi ta' ħidma - stabbiliti għall-ewwel darba mill-Kummissjoni taħt il-programm ta' ħidma Edukazzjoni u Taħriġ 2010 sabiex jimplementaw il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ - joffru forum għall-iskambju tal-aqwa prattiki f'dawn l-oqsma. Dawn - fuq bażi volontarja - ilaqqgħu esperti mill-Istati Membri.

- **L-attivitajiet ta' taġġim bejn il-pari tal-ET 2020**, li s-soltu jsiru fil-Gruppi ta' Ħidma, ser jissaħħu u ser jippermettu lill-Istati Membri li għandhom sfidi ta' politika simili biex jaħdmu ma' xulxin. L-**evalwazzjoni bejn il-pari**, organizzata bl-implimentazzjoni tar-Rapport Konġunt 2012 fuq bażi volontarja u li tiffoka fuq sfidi speċifiċi għall-pajjiż, kienet ta' għajjnuna fil-kuntest tal-laqgħat informali tad-DG iżda teħtieġ aktar tħejjija u djalogu interattiv. L-**għoti ta' konsulenza bejn il-pari** mfasla apposta jista' jintuża wkoll biex jappoġġa aġenda partikolari ta' riforma nazzjonali.¹⁴
- **It-tixrid ta' prattiki tajba** u taġġimiet meħuda, bl-użu ta' evidenza internazzjonali meta rilevanti, ser jissaħħaħ permezz ta' avvenimenti tematiċi, skambji ta' taġġim tal-politika u kwalunkwe arranġament għat-trasferiment tal-għarfien u skambji dwar x'jaħdem fl-edukazzjoni. Biex jiġi ffaċilitat l-użu effettiv ta' ċerti riżultati ewlenin tal-ET 2020 minn partijiet interessati fl-edukazzjoni u t-taħriġ, ser tingħata attenzjoni speċjali għat-tixrid tal-messaġġi essenzjali fil-lingwi uffiċjali tal-UE, skont kemm jippermettu r-riżorsi. Barra minn hekk, l-arranġamenti għat-tixrid ser jiġu inklużi fil-mandati tal-Gruppi ta' Ħidma tal-ET 2020 u ser jiġu riflessi fil-Pjan ta' Ħidma kontinwu.
- **Il-Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ**, sinkronizzat mas-Semestru Ewropew u li jipprovdi evidenza aġġornata tematika u speċifika għall-pajjiż, ser jintuża sistematikament bħala sors ta' taġġir fid-dibattiti ta' politika fil-livell tal-Kunsill, kif ukoll il-Parlament Ewropew, fid-diskussjonijiet dwar l-isfidi u r-riformi fl-edukazzjoni.
- Ser isir użu sħiħ mill-potenzjal tal-**programm Erasmus+** biex jiżdied l-impatt tal-għodod tal-ET 2020, fost l-oħrajn billi t-tħejjija għall-esperiment azzjonijiet ta' politika tiġi ankrata fil-Gruppi ta' Ħidma u billi tintuża l-evidenza miġbura permezz ta' proġetti eċċellenti.

¹⁴ L-għoti ta' konsulenza bejn il-pari huwa strument li jgħaqqad flimkien, fuq bażi volontarja u trasparenti, pari professjonali minn għadd żgħir ta' amministrazzjonijiet nazzjonali biex jipprovdu parir estern lil pajjiż fil-proċess ta' żvilupp sinifikanti fil-politika. Huwa maħsub biex imur lil hinn mill-qsim ta' informazzjoni u jipprovdi forum biex jinstabu soluzzjonijiet għal sfidi nazzjonali f'sessjoni ta' ħidma parteċipattiva.

- Filwaqt li ttieħdu passi pożittivi biex jippromwovu l-kooperazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ mal-Kumitat tal-Impjiegi b'segwitu għar-Rapport Konġunt tal-2012, għad hemm lok biex jiġu esplorati modi kif tista' tittejjeb u tiġi strutturata aħjar din ir-relazzjoni, pereżempju billi jiġi imħeġġeġ aktar dibattitu bbażat fuq l-evidenza dwar kwistjonijiet ta' kapital uman skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill (EPSCO) tad-9 ta' Marzu 2015.
 - Billi tissaħħaħ il-kooperazzjoni kemm fi ħdan il-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport kif ukoll ma' formazzjonijiet oħra tal-Kunsill.
-

OQSMA PRIJORITARJI
GĦALL-KOOPERAZZJONI EWROPEA FL-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ

Ir-rendikont ta' nofs it-terminu kkonferma r-rilevanza tal-erba' *għanijiet strateġiċi* tal-ET 2020 stipulati mill-Kunsill fl-2009, jiġifieri:

1. Li t-tagħlim tul il-ħajja u l-mobbiltà jsiru realtà;
2. It-titjib tal-kwalità u tal-effiċjenza tal-edukazzjoni u tat-taħriġ;
3. Il-promozzjoni tal-ekwità, tal-koeżjoni soċjali u taċ-ċittadinanza attiva;
4. It-tiżiħ tal-kreattività u tal-innovazzjoni, inkluż l-intraprenditorija, fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

Fi ħdan dawn l-għanijiet strateġiċi, l-eżerċizzju tar-rendikont enfasizza l-għan komuni tal-Istati Membri biex jissimplifikaw l-oqsma prijoritarji attwali għal azzjoni. It-tabella ta' hawn taħt tipproponi tnaqqis minn 13-il *qasam prijoritarju* għal sitta, kull wieħed minnhom jista' jikkontribwixxi għal għan strateġiku wieħed jew iktar għall-perijodu sal-2020, b'mod li jkun koerenti għalkollox mal-prijoritajiet politiċi ġenerali tal-UE u li jikkontribwixxi għalihom.

Fit-tabella ta' hawn taħt, l-oqsma prijoritarji huma maqsuma fi *kwistjonijiet konkreti*, bi tweġiba għat-talba tal-Kunsill għal indikazzjoni iktar konkreta tas-suġġetti għal ħidma fil-ġejjieni. Dawn l-oqsma ser jiġu segwiti bil-metodi ta' ħidma tal-ET 2020 u tas-sett tal-għodod tiegħu; dawn l-oqsma (i) jirriflettu sfida komuni għall-Istati Membri; u (ii) juru l-valur miżjud ladarba jiġu indirizzati fil-livell Ewropew. Il-*kwistjonijiet konkreti* ser jiffurmaw il-bażi għall-mandati tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' Gruppi ta' Ħidma tal-ET 2020.

F'konformità mal-prijoritajiet nazzjonali, l-Istati Membri ser jagħżlu f'liema oqsma u kwistjonijiet ta' ħidma u ta' kooperazzjoni jixtiequ jieħdu sehem.

OQSMA PRIJORITARJI	Kwistjonijiet konkreti
<p>1 Għarfien, ħilet u kompetenzi rilevanti u ta' kwalità għolja żviluppati waqt it-tagħlim tul il-ħajja, b'enfasi fuq il-kisba ta' tagħlim għall-impjegabbiltà, l-innovazzjoni, iċ-ċittadinanza attiva u l-benesseri</p>	<p>i. It-tishiĥ tal-azzjoni ta' politika mmirata biex tgħolli l-livell milħuq madwar l-Ewropa tal-ħilet bażiċi, li jkopru l-lingwa, il-litteriżmu, il-matematika, ix-xjenza u l-litteriżmu diġitali</p> <p>ii. It-tishiĥ tal-iżvilupp ta' ħilet trasversali u kompetenzi ewlenin, f'konformità mal-Qafas ta' Referenza dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja, b'mod partikolari l-kompetenzi diġitali, intraprenditorjali u lingwistiċi</p> <p>iii. It-tnedija mill-ġdid u l-kontinwazzjoni tal-istrategġiji ta' tagħlim tul il-ħajja u l-indirizzar tal-fażijiet ta' transizzjoni fl-educazzjoni u t-taħriġ, filwaqt li, permezz ta' gwida ta' kwalità għolja, jiġu promossi t-transizzjonijiet lejn u bejn l-educazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u l-educazzjoni għolja u t-tagħlim għall-adulti, inklużi t-tagħlim mhux formali u informali, u mill-educazzjoni u t-taħriġ għax-xogħol</p> <p>iv. It-trawwim ta' aċċess ġeneralizzat u ġust għal educazzjoni u kura fit-tfulija bikrija ta' kwalità għolja u bi prezz raġonevoli, speċjalment għal daww żvantaġġati, u l-avvanz tal-Qafas tal-Kwalità f'dan il-qasam</p> <p>v. It-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola bl-appoġġ ta' strategġiji bbażati fl-iskejjel b'viżjoni ġenerali inklużiva li tpoġġi lill-istudent fiċ-ċentru tagħha u b'opportunitajiet għal "ċans ieħor", b'enfasi fuq ambjenti u pedagogiġi ta' tagħlim effettivi</p> <p>vi. Il-promozzjoni tar-rilevanza tal-educazzjoni għolja għas-suq tax-xogħol u s-soċjetà, fosthom permezz ta' għarfien u ta' antiċipazzjoni aħjar tal-ħtiġijiet u r-riżultati tas-suq tax-xogħol, pereżempju billi jiġu segwiti l-karrieri ta' gradwati, bl-istimulazzjoni tal-iżvilupp ta' kurrikuli, b'iktar tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol u b'kooperazzjoni mtejba bejn l-istituzzjonijiet u min iħaddem</p>

		<p>vii. L-implimentazzjoni tar-riżultati ta' terminu medju ta' Riga fl-ETV (ara d-dettalji fl-aħħar tat-test), filwaqt li tissaħħaħ l-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati u tissaħħaħ l-antiċipazzjoni tal-ħtiġijiet ta' ħilet għas-suq tax-xogħol</p> <p>viii. L-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea Mġedda għat-tagħlim għall-adulti (ara d-dettalji fi tmiem it-test)</p>
--	--	--

OQSMA PRIJORITARJI		Kwistjonijiet konkreti
2	Edukazzjoni inklużiva, ugwaljanza, ekwità, nondiskriminazzjon i u l-promozzjoni ta' kompetenzi ċiviċi	<p>i. L-indirizzar taż-żieda fid-diversità tal-istudenti u t-titjib tal-aċċess għal edukazzjoni u taħriġ ġenerali inklussivi u ta' kwalità tajba għall-istudenti kollha, anke għall-gruppi żvantaġġati, bħal studenti bi bżonnijiet speċjali, migranti li jkunu għadhom kif jaslu, nies li ġejjin minn ambjenti ta' migrazzjoni u r-Rom, filwaqt li jiġu indirizzati d-diskriminazzjoni, ir-razziżmu, is-segregazzjoni, il-bullying (inkluż il-bullying ċibernetiku), il-vjolenza u l-isterjotipi</p> <p>ii. L-indirizzar tal-kwistjoni tad-disparità bejn is-sessi fl-edukazzjoni u t-taħriġ, u ta' opportunitajiet mhux ugwali għan-nisa u l-irġiel, u l-promozzjoni ta' għażliet edukattivi b'iżjed bilanċ bejn is-sessi</p> <p>iii. Il-faċilitazzjoni tal-kisba effettiva tal-lingwa/i tal-edukazzjoni u tal-impjiegi minn migranti permezz ta' tagħlim formali u mhux formali</p> <p>iv. Il-promozzjoni tal-kompetenzi ċiviċi, interkulturali, u soċjali, il-fehim u r-rispett reċiproċi, u s-sens ta' sjieda tal-valuri demokratiċi u tad-drittijiet fundamentali f'kull livell tal-edukazzjoni u t-taħriġ</p> <p>v. It-tiħiħ tal-ħsieb kritiku, flimkien mal-litteriżmu ċibernetiku u tal-mezzi ta' komunikazzjoni</p>

OQSMA PRIJORITARJI	Kwistjonijiet konkreti
<p>3 Edukazzjoni u taħriġ miftuħa u innovattivi, fost l-oħrajn permezz tal-aċċettazzjoni sħiħa tal-era diġitali</p>	<ul style="list-style-type: none"> i. L-esplorazzjoni ulterjuri tal-potenzjal ta' pedagoġiji innovattivi u attivi b'hat-tagħlim interdixxiplinari u l-metodi kollaborattivi, sabiex jissaħħa l-iżvilupp ta' ħilet u ta' kompetenzi rilevanti u ta' livell għoli, filwaqt li titrawwem l-edukazzjoni inklussiva, anke għal studenti żvantaġġati u dawk b'diżabbiltà ii. It-trawwim tal-kooperazzjoni billi jiġi stimulat l-involvement ta' studenti, għalliema, persuni li jħarrġu, mexxejja ta' skejjel u membri oħra tal-persunal edukattiv, ġenituri u l-komunità lokali usa' b'hal gruppi tas-soċjetà ċivili, imsieħba soċjali u negozji iii. Iż-żieda ta' sinerġiji bejn attivitajiet ta' edukazzjoni, riċerka u innovazzjoni, b'perspettiva ta' tkabbir sostenibbli, li jibnu fuq l-iżviluppi fl-edukazzjoni għolja, b'enfasi g'dida fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-iskejjel iv. Il-promozzjoni tal-użu tal-ICT bil-ħsieb li tiżdied il-kwalità u r-rilevanza tal-edukazzjoni fuq il-livelli kollha v. Tingħata spinta lid-disponibbiltà u l-kwalità tar-riżorsi edukattivi u l-pedagoġiji miftuħa u diġitali fil-livelli edukattivi kollha, f'kooperazzjoni mal-komunitajiet Ewropej b'sors miftuħ vi. L-indirizzar tal-iżvilupp tal-kompetenzi diġitali fil-livelli kollha ta' taġlim, inkluż dak mhux formali u informali, bi tweġiba għar-rivoluzzjoni diġitali

OQSMA PRIJORITARJI	Kwistjonijiet konkreti
<p>4 Appoġġ qawwi għall-għalliema, min iħarreġ, mexxejja ta' skejjel u persunal edukattiv ieħor</p>	<ul style="list-style-type: none"> i. It-tisħiħ tar-reklutaġġ, tal-għażla u tat-tħejjija inizjali tal-aħjar u l-iżjed kandidati adattati għall-professjoni tal-għalliema ii. Iż-żieda fl-attrazzjoni u fl-istatus tal-professjoni tal-għalliema, kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa iii. L-appoġġ għall-edukazzjoni inizjali u għall-iżvilupp professjonali kontinwu fuq il-livelli kollha, speċjalment biex tiġi indirizzata d-diversità dejjem akbar tal-istudenti, it-tluq bikri mill-iskola, it-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol, il-kompetenzi diġitali u l-pedagoġiji innovattivi, inkluż permezz ta' għodod tal-UE bħall-Ġemellaġġ elettroniku (eTwinning), il-Portal tal-Edukazzjoni Skolastika u l-Pjattaforma elektronika tat-Tagħlim għall-Adulti fl-Ewropa (EPALE) iv. L-appoġġ għall-promozzjoni tal-eċċellenza fit-tagħlim fil-livelli kollha, fit-tfassil ta' programmi tal-edukazzjoni għall-għalliema u fl-organizzazzjoni tat-tagħlim u strutturi ta' inċentivi, kif ukoll it-tiftix għal modi ġodda biex titkejjel il-kwalità fit-taħriġ tal-għalliema

OQSMA PRIJORITARJI	Kwistjonijiet konkreti
<p>5 Trasparenza u rikonoxximent tal-ħiliet u tal-kwalifiki biex jiġu ffaċilitati l-mobbiltà għat-tagħlim u l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol</p>	<ul style="list-style-type: none"> i. It-trawwim tat-trasparenza, tal-assigurazzjoni tal-kwalità, tal-validazzjoni u b'hekk tar-rikonoxximent tal-ħiliet u/jew tal-kwalifiki, inklużi dawk li jkunu nkisbu permezz ta' riżorsi ta' tagħlim miftuħa, online u diġitali, kif ukoll tat-tagħlim mhux formali u informali ii. Is-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tal-għodod tat-trasparenza, tad-dokumentazzjoni, tal-validazzjoni u tar-rikonoxximent li jinvolvu komunikazzjoni diretta mal-istudenti, mal-ħaddiema u ma' min iħaddem, u aktar implimentazzjoni tal-QEK u tal-oqfsa ta' kwalifiki nazzjonali iii. L-appoġġ għall-mobbiltà ta' studenti, apprendisti, għalliema, membri tal-persunal edukattiv u riċerkaturi iv. L-iżvilupp ta' sħubijiet strateġiċi u korsijiet konġunti, b'mod partikolari permezz taż-żieda tal-internazzjonalizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali
<p>6 Investiment sostenibbli, kwalità u effiċjenza tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ</p>	<ul style="list-style-type: none"> i. L-esplorazzjoni tal-potenzjal tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, fost l-oħrajn permezz tal-promozzjoni ta' mudelli ta' finanzjament li jattiraw atturi u kapital mill-privat ii. L-Istati Membri jiġu mħeġġa jużaw metodu ta' tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza, li jinkludi l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tas-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ, biex jissorveljaw politiki u jfasslu riformi li jwasslu edukazzjoni ta' kwalità b'mod aktar effiċjenti iii. Metodi aktar innovattivi jkunu inkoraġġuti biex jiġi żgurati investiment sostenibbli fl-edukazzjoni u t-taħriġ, l-eżami ta' forum ta' fondi mogħtija skont il-prestazzjoni u l-qsim ta' spejjeż, fejn xieraq

PRIJORITAJIET SPEĊIFIĊI
GĦALL-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ VOKAZZJONALI
U GĦAT-TAGĦLIM GĦALL-ADULTI SAL-2020

L-aġendi settorjali għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (il-proċess ta' Copenhagen-Bruges) u għat-tagħlim għall-adulti jeħtieġu identifikazzjoni iżjed dettaljata – u approvazzjoni permezz ta' dan ir-Rapport Konġunt – tar-riżultati/tal-prijoritajiet għall-perjodu sal-2020.

I. EDUKAZZJONI U TAĦRIĠ VOKAZZJONALI (ETV):

Il-konklużjonijiet ta' Riga tat-22 ta' Ġunju 2015 ipproponew dan is-sett il-ġdid ta' riżultati fuq perjodu medju ta' zmien¹⁵ fil-qasam tal-ETV għall-perjodu 2015-2020:

- Il-promozzjoni ta' **tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol** fil-forom kollha tiegħu, b'attenzjoni speċjali għall-apprendistati, billi jiġu involuti l-imsieħba soċjali, il-kumpaniji, il-Kmamar tal-Kummerċ u l-fornituri tal-ETV, kif ukoll billi tingħata spinta lill-innovazzjoni u lill-intraprenditorija.
- L-iżvilupp ulterjuri ta' mekkaniżmi għall-**assicurazzjoni tal-kwalità** fl-ETV f'konformità mar-rakkomandazzjoni dwar l-EQAVET¹⁶ u, bħala parti mis-sistemi għall-assicurazzjoni tal-kwalità, l-istabbiliment ta' **ċikli kontinwi ta' taħriġ u ta' reazzjoni għas-sistemi tal-ETV inizjali (ETV-I) u tal-ETV kontinwu (ETV-K)**¹⁷ **abbażi tar-riżultati tat-tagħlim.**
- Iż-żieda fl-**aċċess għall-ETV u kwalifiki għal kulħadd** permezz ta' sistemi iktar flessibbli u permeabbli, b'mod partikolari billi jiġu offruti servizzi ta' gwida effiċjenti u integrati u billi l-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali ssir disponibbli.
- Aktar tisħiħ tal-**kompetenzi ewlenin** fil-kurrikuli tal-ETV u l-ġhoti ta' opportunitajiet iktar effettivi għall-ksib jew għall-iżvilupp ta' dawk il-ħiliet permezz tal-ETV-I u tal-ETV-K.

¹⁵ http://ec.europa.eu/education/policy/vocational-policy/doc/2015-riga-conclusions_en.pdf

¹⁶ ĠU C 155, 08.07.2009

¹⁷ ĠU C 324, 1.12.2010, p. 5-15

- L-introduzzjoni ta' approċċi sistematiċi u ta' opportunitajiet għall-**iżvilupp professjonali inizjali u kontinwu tal-għalliema, ta' dawk li jħarrġu u tal-konsulenti tal-ETV** kemm fl-ambjent tal-iskola kif ukoll f'dak tax-xogħol.

II. TAGĦLIM GĦALL-ADULTI:

L-Aġenda Ewropea Mġedda għat-tagħlim fost l-adulti¹⁸ li l-Kunsill adotta fl-2011 kienet tiddekrivi għadd ta' oqsma prijoritarji għall-perjodu 2012-2014, iżda lil dawn poġġiethom f'perspettiva aktar fit-tul allinjata mal-erba' għanijiet strateġiċi tal-ET 2020. Il-prijoritajiet speċifiċi li, bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri għandhom jikkonċentraw fuqhom sal-2020 sabiex tintlaħaq il-viżjoni aktar fit-tul tal-aġenda, huma kif ġej:

- **Governanza:** l-iżgurar tal-koerenza tat-tagħlim għall-adulti ma' oqsma oħra ta' politika, it-titjib tal-koordinazzjoni, l-effikaċja u r-rilevanza skont il-ħtiġijiet tas-soċjetà, l-ekonomija u l-ambjent; iż-żieda, fejn xieraq, tal-investment privat kif ukoll pubbliku.
- **Provvista u użu:** iż-żieda b'mod sinifikanti fil-provvista ta' tagħlim ta' kwalità għolja għall-adulti, speċjalment fil-litteriżmu, fil-matematika bażika u fil-ħiliet diġitali, u ż-żieda fl-użu ta' dawn l-opportunitajiet ta' tagħlim permezz ta' strateġiji effettivi ta' komunikazzjoni, gwida u motivazzjoni mmirati lejn il-gruppi l-iktar fil-bżonn.
- **Flessibbiltà u aċċess:** it-twessigħ tal-aċċess billi t-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol isir iżjed disponibbli u billi jsir użu effettiv tal-ICT; jiġu stabbiliti proċeduri biex jiġu identifikati u vvalutati l-ħiliet ta' adulti bi kwalifiki baxxi u l-ġhoti ta' biżżejjed opportunitajiet li jagħtu ċans ieħor ta' tagħlim u li jwasslu għal kwalifika rikonoxxuta tal-QEK għal dawk mingħajr kwalifiki tal-livell 4.
- **Kwalità:** it-titjib fl-assigurazzjoni tal-kwalità, inklużi l-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-impatt, it-titjib fl-edukazzjoni inizjali u kontinwa tal-għalliema tal-adulti, u l-ġbir tad-data neċessarja dwar x'hemm bżonn biex it-tagħlim li jingħata jkun immirat u mfassal b'mod effikaċi.

¹⁸ ĠU C 372, 20.12.2011, p. 1-6.